# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## Illum, il-Hamis 5 ta' Lulju, 2001

**Kawza Nru. 7.**
**Citazz. Nru. 673/00 JRM**

**St. GEORGE'S BAY HOTEL LIMITED**

**vs**

**MALTACOM plc**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni mressaq fl-10 t'April, 2000, li bih is-Socjeta' attrici ppremettiet:

Illi fl-ewwel (1) ta' Frar 1999, is-socjeta' konvenuta ghamlet xi xoghlijiet ta' skavar, thaffir u xoghol iehor relatat fuq art appartenenti lill-istanti li tinsab fil-hofra ta' San Gorg, fil-bajja ta' San Gorg, San Giljan;

Illi wara li rappresentanti tas-socjeta' attrici ikkomunikaw personalment ma' ufficjali tas-socjeta' konvenuta, irrisulta li zmien qabel kienu tpoggew xi "cables" li sussegwentement ghaddew f'idejn l-istess konvenuti;

Illi tali "cables" kienu tpoggew fuq art tal-istanti abusivament u minghajr ebda dritt, awtorizzazzjoni jew titolu skond il-ligi;

Illi interpellata sabiex tnehhi dawn il-"cables" minn fuq l-art in kwistjoni, is-socjeta' konvenuta xorta baqghet inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi t-tqeghid tal-"cables" u kull haga ohra konnessa maghhom fuq l-art hawn fuq deskritta appartenenti lis-socjeta' attrici sar b'mod abuziv u minghajr ebda dritt, awtorizzazzjoni jew titolu skond il-ligi;

2. Konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex f'terminu qasir u perentorju li ghandu jigi determinat, tnehhi spejjez taghha l-imsemmija "cables" u l-apparat kollu relatat li gie imqieghed fuq l-art tal-istanti;

3. Fin-nuqqas li s-socjeta' konvenuta tottempera ruhha fiz-zmien stabbilit a tenur tat-tieni talba, tawtorizza lis-socjeta' attrici sabiex tesegwixxi x-xoghlijiet kollha mehtiega sabiex jitnehhew il-"cables" u l-apparat konness a spejjez tas-socjeta' konvenuta u okkorrendo taht is-supervizjoni ta' perit nominat ghal dan l-iskop;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest giudizzjarju tat-30 ta' Marzu 1999 kontra l-konvenuti li huma ngunti in subizzjoni;

*5 ta' Lulju, 2001.*

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tas-Socjeta' attrici, flimkien maz-zewg dokumenti mehmuzin maghha;

Rat in-Nota mressqa mis-Socjeta' konvenuta fis-6 ta' Gunju, 2000, li biha eccepiet:

Illi l-azzjoni attrici hija kompletament infondata sew fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-kumpannija attrici, stante li llum il-mertu tal-azzjoni attrici huwa ezawrit;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tas-Socjeta' konvenuta;

Rat id-Degriet taghha (diversament presjeduta) tas-16 ta' Gunju, 2000 [pagna 18 tal-process];

Rat in-Nota tas-Socjeta' attrici tat-28 ta' Lulju, 2000 [pagni 20 sa 29] u d-dokument mehmuz maghha;

Rat il-verbal tas-smigh tas-6 t'Ottubru, 2000 [pagna 31], li bih l-attrici ddikjarat li ma kellhiex provi izjed xi tressaq;

Semghet ix-xhieda mressqa mill-kumpannija mharrka;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-Degrieti taghha tal-11 ta' Jannar, 27 ta' Frar, 26 t'April, u 24 ta' Mejju, 2001, li bihom halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-kumpannija attrici qeghda titlob it-tnehhija ta' *cables* li gew mghoddijin, tqeghdu u ntradmu fi proprjeta' tal-istess socjeta' attrici minghajr jedd u minghajr il-kunsens taghha. Illi dawn il-*cables* kienu tqeghdu zmien qabel imma kienu ghaddew f'idejn il-kumpannija mharrka fl-uzu taghha ta' servizz ta' telekomunikazzjoni. L-kumpannija attrici tghid li dan sar maghruf minnha waqt xoghlijiet li kienet qeghda taghmel il-kumpannija mharrka fi Frar tal-1999 fi jew qrib il-proprjeta' tas-socjeta' attrici;

Illi biex issahhah din it-talba, il-kumpannija attrici wriet bi provi xierqa fejn sar ix-xoghol u kif ukoll li hija s-sid tal-art fejn tqieghed ix-xoghol minnha lmentat;

Illi, min-naha taghha, l-kumpannija mharrka ma ressqet l-ebda kontestazzjoni dwar ix-xoghol li ssemmi l-kumpannija attrici, lanqas cahdet li l-art li fuqha tqeghdu l-*cables* u mnejn gew mghoddija mhix tas-socjeta' attrici;

Illi, fis-sewwa jinghad li kulma qalet il-kumpannija mharrka kien li "llum il-mertu tal-azzjoni attrici huwa esawrit". Minn dak li jidher mit-tieni paragrafu tad-Dikjarazzjoni mahlufa tal-kumpannija mharrka, din qeghda tghid li, matul il-kawza, ghamlet ix-xoghlijiet mehtiega biex l-ilment tal-kumpannija attrici jigi indirizzat;

Illi, b'xhieda ta' dan, il-kumpannija mharrka ressqet b'xhud lill-Inginier Anthony Cassar [pagni 33 sa 35] li fisser is-siwi tal-imsemmija *cables* ghall-kumpannija mharrka u ghas-sistema ta' telekomunikazzjoni Malti ma' barra in generali, u wkoll l-istudji u l-arrangamenti li l-Maltacom kienet ghamlet biex isir ix-xoghol rimedjali u, fl-istess waqt, ta' tishih tas-sistema;

Illi l-kumpannija attrici tichad u ghadha tinsisti li x-xoghlijiet rimedjali ma sarux u li l-qaghda li kienet tesisti meta nbdiet il-kawza baqghet ma nbidlitx sallum;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-azzjoni attrici hija msejsa fuq dak li tipprovdi l-ligi fl- artikoli 320, 321 u 323 tal-Kodici Civili, u ghalkemm huwa minnu li, ghal dak li jirrigwarda htiega pubblika, l-jedd ta' sid privat ghall-proprjeta' tieghu jista' jigi mittiefes, dan ghandu jsir dejjem fil-limiti li l-ligi nnifisha tfisser u taht kumpens xieraq skond ma tipprovdi l-oghla ligi tal-pajjiz;

Illi, kif inghad, il-kumpannija mharrka lanqas jidher li semmiet favur taghha xi jedd li kellha li thalli l-*cables* li dwarhom qeghda tilmenta l-kumpannija attrici fil-post li jinsabu. Ghall-kuntrarju, l-fus tal-eccezzjoni taghha hija li l-azzjoni attrici hija esawrita ghaliex, waqt il-kawza, nehhiet ix-xoghlijiet li dwarhom il-kumpannija attrici kienet qeghda tilmenta;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, din l-imgiba tal-kumpannija mharrka tista' titqies bhala stqarrija tal-jedd tal-kumpannija attrici u tas-siwi tal-azzjoni taghha;

Illi, ghalkemm irrisulta wkoll li l-cables tqeghdu minn zminijiet qabel ma sar ix-xoghol fi Frar tal-1999 u minn terzi, il-kumpannija mharrka ma cahditx li llum il-gurnata dawk il-*cables* saru taghha u huma wzati minnha;

Illi rrisulta wkoll li l-*cables* tqeghdu fi zmien wara l-1962, jigifieri minn meta l-kumpannija attrici saret sid l-art fejn qeghdin mghoddija u mirduma [ara Dok "X" f'pagna 23];

Illi l-kwestjoni mressqa waqt is-smigh fis-sens li fuq l-imsemmija *cables* jistrieh is-sistema kollu tal-komuikazzjoni b'telefonija minn u ghal Malta, ma jincidix fuq il-jedd tal-proprjeta' vestit fil-kumpannija attrici, ghalkemm, ghal ragunijiet ohrajn, ghandu jittiehed b'qies dwar dak li jista' jigi ordnat b'risultat li t-talbiet attrici jintlaqghu;

Illi, ghalhekk, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il- Qorti ssib li l-ewwel talba tas-socjeta' attrici tirrisulta msejsa sewwa fil-ligi u ippruvata kif imiss;

Illi, b'konsegwenza ta' dan, ma tressqet l-ebda raguni xierqa li ghaliha t-tieni talba taghha ghat-tnehhija tal-imsemmija xoghlijiet ma ghandhiex tintlaqa' wkoll;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

**(a)** **Tilqa' l-ewwel talba attrici** u tiddikjara li l-*cables* imqeghdin u mghoddjiin mill-art u l-gid proprieta' taghha tqeghdu b'mod abbusiv, minghajr l-ebda titolu u minghajr l-awtorita' jew kunsens tal-kumpannija attrici;

**(b)** **Tilqa' t-tieni talba** u tordna li l-imsemmija *cables* jitnehhew minn gol-gid tal-kumpannija attrici sa zmien perentorju ta' sitt (6) xhur millum mis-Socjeta' mharrka u a spejjez taghha;

**(c)** **Tilqa' t- tielet talba attrici** u tawtorizzaha sabiex, f'kaz li l-kumpannija mharrka tonqos li twettaq dak minnha ordnat fiz-zmien lilha moghti, l-istess kumpannija attrici taghmel hi, a spejjez tal-kumpannija mharrka, x-xoghlijiet mehtiega ghat-tnehhija tal-istess *cables* minn gol-proprjeta' taghha; u

(d) Tichad l-eccezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mharrka;

Il-Qorti, ghall-finijiet tat-twettiq tax-xoghlijiet imsemmija fit-tieni u t-tielet talba, qeghda tordna li dawn ghandhom isiru taht is-supervizjoni u d-direzzjoni tal-Maggur Charles Abela li lilu qeghda tahtar bhala espert tal-Qorti bil-ghan li jara li dak ordnat bis-sahha tas-sentenza jsehh, u bl-obbigu wkoll li, permezz ta' Nota mressqa fl-atti ta' din il-kawza, jgharraf lill-Qorti dwar l-esekuzzjoni tax-xoghlijiet ordnati jew in-nuqqas ta' dan minnufih.

L-ispejjez kollha, inkluzi dawk marbuta mad-drittijiet dovuti lill-espert mahtur bis-sahha ta' din is-sentenza, jithallsu mill-kumpannija mharrka.

*5 ta' Lulju, 2001.*

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF, LL.D.**
**5 ta' Lulju, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**5 ta' Lulju, 2001.**